A.L. 50 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 10).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mid-29 ta' Mejju, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Is-Sgħajtar, limiti Naxxar, tal-kejl ta' madwar 403 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, Nofs-in-Nhar u Punent ma toroq pubbliċi, delineata bl-aħmar fuq L.D. 85/92.

(2) Hames blokkijiet ta' flats kontigwi magħrufin bħala Binja Hesri fis-Siġġiewi, kif ġej:

(a) Blokk I

Blokk ta' sitt flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 6 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata I fuqha. L-imsemmi blokk imiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(b) Blokk J

Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata J fuqha. L-imsemmi blokk imiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(ċ) Blokk K

Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata K fuqha. L-imsemmi blokk imiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(d) Blokk L

Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata L fuqha. L-imsemmi blokk imiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern;

(e) Blokk M

Blokk ta' tmien flats li kull wieħed minnhom huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat 1 sa 8 aċċessibbli minn entrata komuni bla numru uffiċjali iżda li għandha l-kliem Entrata M fuqha. L-imsemmi blokk imiss mill-Majjistral ma' triq pubblika u mill-Grigal u Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern.

Il-blokkijiet ta' flats fuq deskritti nbnew fuq proprjetà tal-Gvern li tagħmel parti minn Tenement 50641, u delineati bl-aħdar fuq L.D. 248/91/3.

(3) Dar bin-numru 18, Triq l-Awrekarja, Gudja (Tenement No. 70038).

(4) Flat numru 1A, Blokk A1, Qasam Ta' Pennellu, Mellieħa (Tenement No. 71748).

(5) Flat numru 4, Blokk A2, Qasam Ta' Pennellu, Mellieħa (Tenement No. 69275).

(6) Dar bin-numru 40, Triq Joseph Stivala, Raħal Ġdid (Tenement No. 1867).

(7) Dar bin-numru 69, Triq Tal-Borg, Raħal Ġdid (Tenement No. 61705).

(8) Flat numru 3, Blokk B, Fuq tal-Blat, Qormi (Tenement No. 69820).

(9) Flat numru 16, Blokk 15, Bieb B, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann (Tenement No. 71439).

(10) Flat numru 4, Blokk 18, Bieb A, Triq il-Fresja, San Ġwann (Part of Rural Tenement No. 51328E).

(11) Flat numru 7, Blokk 18, Bieb B, Triq il-Ġilju, San Ġwann (Tenement No. 73417).

(12) Flat numru 1, Blokk C3, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Ta' Xbiex (Tenement No. 69208).

(13) Dar bin-numru 17, Triq Karlu Darmanin, Qrendi (Tenement No. 69526).